TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Cedric Gauci

vs

F. Jenkins

CCT 88/18/MS

19 ta' Gunju 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fil-25 ta' Gunju 2018 fejn talab ir-rifuzjoni ta' elfejn Euro (€2,000) depozitu imhallas fuq xoghol ta' madum, liema xoghol baqa' ma giex ezegwit.

Ra illi l-intimat, debitament notifikat, ma dahal ebda risposta.

Ra illi fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2018 it-Tribunal halla l-kawza ghas-sentenza.

Ra r-rikors tal-intimat ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni sabiex jaghti l-versjoni tieghu.

Ra illi t-Tribunal laqa' din it-talba u ddiferixxa l-kawza ghal provi kollha tal-intimat b'dikjarazzjoni cara illi jekk l-intimat ma jidhirx dakinhar il-kawza tmur ghas-sentenza fuq il-provi li hemm.

Ra illi minkejja l-kontumacja tal-intimat, huwa thalla jixhed fis-seduta li kienet intiza ghal provi tieghu.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Settembru 2017 ir-rikorrent ordna irham ghat-tarag minghand l-intimat u l-ftehim kien illi sa' nofs Novembru tal-istess sena x-xoghol kollu kien ha jkun lest. Biex ikun jista' jibda dan ix-xoghol l-intimat talbu depozitu ta' elfejn Euro, liema

depozitu thallas mir-rikorrent. Ix-xoghol pero' baqa' ma tlestix u dan minkejja diversi interpellazjonijiet u koncessjonijiet mir-rikorrent fejn it-terminu gie estiz ghas-sena ta' wara. (ara skambju ta' messaggi esebiti intitolati Tal-Marsa Franki. Ir-rikorrent, li xehed f'dawn il-proceduri jghid ukoll illi l-intimat fl-ahhar kien anke wieghed illi ser jaghti lura d-dpeozitu u pprezenta zewg dokumenti li dan it-Tribunal ra, illi juru dan il-ftehim, inkluzi dawn il-messaggi.

Illi ghalkemm l-intimat quddiem dan it-Tribunal qal illi ma kienx gie avzat li mhux ha jkompli bix-xoghol tieghu, id-dokumenti u messaggi esebiti juru mod iehor. Fil-fatt id-dokument bid-data 22 ta' Marzu 2018 juri dikjarazzjoni cara u inekwivoka tal-intimat li sejjer jirrifondi d-depozitu ta' elfejn euro lura lir-rikorrenti.

Ikkunsidra

Illi l-versjoni tar-rikorrent huwa verosimili u d-dokumenti A u B li gew a konjizzjoni ta' dan it-Tribunal, kif ukoll il-messaggi, ikomplu jinducih illi jaccetta l-versjoni tar-rikorrent. Min-naha l-ohra l-intimat ikontradixxa ruhu u wera li ma kienx affidabbli.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss illi r-rikorrent ipprova l-istanza tieghu u li t-talba tieghu ghandha tigi akkordata.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna lill-intimat ihallsu lura s-somma ta' elfejn Euro. Bl-ispejjes kontra l-intimat.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru